MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Numru. 10/2007

**IL-PULIZIJA
(SPETTUR JOSRIC MIFSUD)**

**VS**

**CHALLIE FARRUGIA ta’ 41 sena bin Mary Jane nee’ Borg, imwieled Xewkija (Ghawdex) nhar it-13 ta’ April 1965 u residenti fil-fond numru 31, Vjal il-Labour, Xewkija Ghawdex dententur tal-karta ta’l-identita bin-numru 17720(A)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat Challie Farrugia gie akkuzat talli nhar il-05 ta’ Mejju 2005, fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Generali :

1. talli ta xhieda falza fil-kaz Jeffrey Farrugia et kontra Salvina Xuereb et ai termini ta'l-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. u aktar talli fl-istess post, u data halef il-falz fil-kaz Jeffrey Farrugia et kontra Salvina Xuereb et ai termini ta'l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tal-21 ta' Gunju 2007 li tahthom tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputat.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz minn dina il-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

**<u>IL-LIGI</u>**.

Illi min-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tal-ispergur u tal-gurament falz u dana a tenur tal-artikoli 106 u 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi hija cara. Filwaqt illi l-ewwel wiehed jikkontempla ir-reat hekk ismejjah *judicial jew legal perjury*, it-tieni wiehed jitkellem dwar 'l hekk ismejjah *extra-judicial perjury*. Ghalhekk l-ewwel reat ipotizzat huwa ir-reat tal-gurament falz li jittiehed fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. L-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li huwa distint minn dak li jsehh fil-kawzi kriminali. Id-distinzjoni bejniethom hija biss ghal dak li jirrigwarda l-piena u dana peress illi l-elementi li jsawwru r-reat tal-ispergur huma identici ghaz zewg istanzi.

X'inhuma ghalhekk l-elementi legali li huma necessarji sabiex tista' tinstab htija ghal dana ir-reat.

**L-artikolu 106 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-esistenza ta' dana ir-reat tal-*judicial perjury* cioe':
"(i) *a testimony given in a cause*.
(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.
(iii) *Falsity of such testimony in a material particular*.
(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*."

Ikompli jghid ghalhekk illi qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti:

"*It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision*.

Fit-tieni lok dina x-xhieda falza trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti ghaldaqstant.

Fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza. Il-Mamo ighid: "*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*." Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "*Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente*

*taciute* ***<u>siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa</u>***." (sottolinjar tal-Qorti)

Ghalhekk kwalunkwe xhieda li ma ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista' tkun inveritjiera ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur. Ikompli il-Mamo: "*All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court*."

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew 'l hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Il-Mamo ighid: "*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted*."

**<u>L-artikolu 108 tal-kapitolu 9</u>**

Illi imbaghad l-artikolu 108 jitkellem dwar 'l hekk imsejjah *extra judicial perjury* u cioe' il-gurament falz. Il-Mamo f'dana il-kaz jelenka ukoll erba' elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat u cioe'
"(i) *a false statement*.
(ii) *wilfully made*.
(iii) *on oath*
(iv) *before a person authorized by law to administer oaths*."

Illi l-element intenzjonali f'dana ir-reat ukoll jikkonsisti fil-fatt illi l-persuna li tkun qed taghmel dina id-dikjarazzjoni taht gurament tkun konsapevoli illi hija qed tghawweg il-verita'. Ukoll f'dana il-kaz jekk persuna ma tghidx is-sewwa minhabba injoranza, jew minhabba l-fatt li tkun insiet jew ghal xi raguni ohra li teskludi il-malafede, huwa

minnu illi tkun saret dikjarazzjoni falza, izda dana ma jista' jwassal qatt ghal xi htija fil-kamp penali.

## **Il-PROVI**

Illi mill-provi mismugha minn dina l-Qorti irrizulta illi l-imputat kien ressaq affidavit ikkonfermat bil-gurament minn Nutar Kristen Dimech f'atti ta' kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali (Citazzjoni Numru 92/2004) fl-ismijiet Jeffrey Farrugia et vs Salvina Xuereb pro. et.noe. Illi mill-atti tal-kawza esebiti bhala Dokument JF3 a fol.13 et seq. jirrizulta illi l-atturi indikati f'dana id-dokument u cioe' Jeffrey Farrugia u martu Annie ressqu talba quddiem il-Qorti Civili sabiex il-konvenuta Salvina Xuereb f'isimha proprju kif ukoll bhala mandatarja tal-imsefrin, Concetta Vella, Carmelo Vella, Lorenzo Xuereb, Giuseppa Xerri u Carmela Cassar jersqu ghal publikazzjoni ta' att ta' bejgh favur l-imputat u martu ta' xi bicciet art provenjenti mill-wirt ta' certu Salvatore Spiteri. Jidher illi xi zmien qabel kien sar konvenju bejn il-partijiet quddiem in-Nutar Kristen Dimech, izda Salvina Xuereb naqqset milli tersaq ghall-att finali ta' kompro-vendita meta wasal biex jiskadi t-terminu tal-konvenju u ghalhekk saret il-kawza.

Illi jirrizulta illi dina l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti. Illi fil-mori ta' dik Il-kawza, bhala parti mill-provi l-atturi f'dik il-kawza ipprezentaw l-affidavit tal-imputat[1] fejn taha retroxena ta' dak kollu li wassal sabiex isir il-konvenju ghax-xiri ta' dina l-prorprjeta'. Illi jidher illi l-akkuzi odjerni gew intavolati fil-konfront tal-imputat abbazi ta' dikjarazzjoni li ghamel f'dana l-affidavit fejn stqarr: "Gara illi madwar ix-xahar ta' Jannar 2004 il-konvenuta flimkien mal-legali taghha Dr. Monica Vella, ma' xi familjari tieghi u flimkien ma' persuni ohra li b'xi mod jew iehor ghandhom xi parentela ma' Salvu Spiteri, marru quddiem in-Nutar Kristen Dimech sabiex jiddiskutu l-qsim tal-fondi kollha li gejjin mill-wirt tal-buz-nannu Salvu Spiteri u dwar il-prezzijiet tal-istess fondi." Illi fix-xhieda moghtija

[1] Ara affidávit a fol.45 tal-process

quddiem il-Qorti [2], Salvina Xuereb tallega illi l-imputat hawnhekk kien qed jiehu gurament falz u dana peress illi meta saret il-laqgha imsemmija f'Jannar 2004, l-avukat taghha ma kinitx Dr. Monica Vella izda kien Dr. Carmelo Galea fejn stqarret ukoll illi Dr. Carmelo Galea dam l-avukat taghha sa Awissu tas-sena 2004.

Illi mill-provi akkwisti f'dana il-process, jirrizulta illi fil-fatt kienu saru diversi laqghat sabiex il-partijiet kollha involuti jippruvaw jaslu ghal xi ftehim ghar-rigward tal-wirt ta' Salvatore Spiteri. Fil-fatt jirrizulta illi kienet saret laqgha ghand l-Avukat Monica Vella (li kienet l-avukat tal-konvenuti fil-kawza tad-divizjoni pendenti quddiem il-Qorti), izda dina Salvina Xuereb qatt ma attendiet ghaliha ghaliex bi zball kienet marret fl-ufficcju tal-Avukat Galea. Jidher illi minhabba xi nuqqas ta' ftehim f'dana ir-rigward il-laqgha ma saritx u il-partijiet ftiehmu li jiltaqghu f'garaxx ta' wiehed minnhom, liema laqgha fil-fatt saret. Jidher illi sar xi ftehim u Salvina Xuereb kienet marret ghand in-Nutar Kristen Dimech sabiex taghmel il-konvenju.

Illi meta xehed quddiem il-Qorti l-imputat isostni illi dak li hemm fl-affidavit ghar-rigward tal-akkuzi li saru fil-konfront tieghu, gie mistqarr minnu semplicement ghax strah fuq dak li qallu haddiehor u cioe' huh Jeffrey Farrugia. Illi ghalkemm l-imputat ghamel hazin meta huwa stqarr xi haga f'affidavit li kien qallu haddiehor u mhux dak li kien jaf huwa personalment, madanakollu jidher illi huwa ma ghamilx dan bl-intenzjoni illi huwa ighin lil huh fil-kawza u ghalhekk sabiex jinkiseb xi vantagg ghal huh fil-kawza.

Illi jidher illi huwa fatt mhux ikkontestat illi f'Jannar 2004, Dr. Monica Vella ma kinitx l-avukat ta' Salvina Xuereb, ghalkemm huwa minnu illi kienet giet miftehma xi laqgha fl-ufficcju ta' Dr. Monica Vella li kienet il-konsulent legali tal-konvenuti fil-kawza pendenti quddiem il-Qorti ghar-rigward tad-divizjoni tal-wirt ta' Salvatore Spiteri. Illi ghalhekk ghalkemm l-imputat ma kienx preciz fix-xhieda tieghu madanakollu jidher illi s-sustanza taghha hija

[2] Ara xhieda ta' Salviona Xuereb a fol.132 et. Seq. tal-process)

veritjiera. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-ahhar zewg elementi necessarji sabiex jikkostitwixxu r-reat tal-ispergur f’dana il-kaz huma neqsin. Illi ma hemmx dubbju illi l-affidavit tal-imputat jikkostitwixxi xhieda bil-gurament li gie mressaq fl-atti ta’ kawza pendenti quddiem Qorti Gudizzjarja. Madanakollu ma jirrizultax illi dak mistqarr mill-imputat f’dan id-dettall kienu ser jolqtu s-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet sollevata mid-difiza fil-kawza civili u ma kinux intizi sabiex jisgwidaw il-Qorti f’xi element materjali ta’ dina l-kawza. Illi fi kwalunkwe kaz dina l-Qorti tistqarr illi ma huwiex kompitu taghha li tindaga dwar ir-rilevanza o meno ta’ xhieda f’kawza ohra. Illi finalment huwa biss bid-decizjoni finali tal-Qorti fil-kawza civili illi jista’ jigi stabbilit jekk dan id-dettall zghir fix-xhieda tal-imputat kellux xi effett fuq dik id-decizjoni u mhux qabel! Illi fil-kamp penali l-Qorti ma tistax tistrieh fuq ipotezi – u cioe’ fuq ipotezi illi dak mistqarr mill-imputat jista’ jkollu effett fuq il-gudizzju finali ta’ dik il-Qorti.

Illi maghdud dana kollu ghandu jinghad illi anke jekk ghal grazzja tal-argument jirrizulta illi dak mistqarr mill-imputat kien materjali ghad-decizjoni tal-Qorti u kellu effett fuq l-istess, dina l-Qorti xorta wahda tistqarr illi l-ahhar element legali rikjest ghal sejbien ta’ htija f’dina l-kawza ma irrizultax ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp penali. Illi l-imputat jistqarr illi huwa ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi kien qed ighid xi haga inveritjiera fl-affidavit tieghu. Huwa jistqarr illi qal hekk ghax qallu huh Jeffrey. Jistqarr illi l-affidavit gie mhejji minn Dr. Tatianne Cassar u wara li qratulu hu ikkonfermah bil-gurament. Illi min-naha taghha l-prosekuzzjoni u l-parte civili naqqsu li jippruvaw il-kontra. Illi minn imkien mix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ma tirrizulta l-icken prova illi l-imputat kellu l-intenzjoni jikkometti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 u cioe’ illi huwa kellu intenzjoni jizgwida l-Qorti bix-xhieda tieghu u dana sabiex il-gudizzju finali jkun favur l-atturi f’dik il-kawza. L-unici provi li tressqu kienu provi li jindikaw illi dak mistqarr mill-imputat ma kienx minnu u cioe’ illi Dr. Monica Vella ma kinitx il-konsulent legali ta’ Xuereb f’Jannar 2004. Ma hemm l-ebda prova illi l-imputat qal dana malizjosament u li kien qieghed ighid dana sabiex jikseb xi vantagg ghalih jew ghal huh fil-kawza civili. Ma

hemm l-ebda prova ta' ingann, raggiri jew xi maniggi da parti tal-imputat.

Illi l-istess jista' jinghad fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe' dik li tikkontempla r-reat ipotizzat fl-artikolu 108 tal-Kapitolu 9. Illi f'dana il-kaz ukoll l-element intenzjonali ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ma jirrizulta minn imkien mill-provi illi l-imputat stqarr l-affarijiet indikati mill-prosekuzzjoni biex jikseb xi vantagg ghalih jew ghal huh. Fil-fatt jirrizulta illi dana kien dettall zghir hafna u li ma jbiddilx is-sustanza tad-dikjarazzjoni guramentata maghmula minnu. Il-malafede tal-imputat lanqas hawn ma giet ippruvata.

Illi l-Qorti tistqarr illi meta xhieda tigi mressqa permezz tal-procedura tal-affidavit dejjem ikun hemm il-periklu illi x-xhieda tkun giet ippreparata minn qabel u ghalhekk hafna drabi min ikun qed jiehu l-gurament joqghod semplicement fuq dak illi ikun gie ippreparat minghajr ma joqghod attent ghad-dettalji tal-istess u jivverifika jekk dak li jkun tnizzel fl-affidavit ikunx minnu jew le. Illi fil-fatt f'dana l-kaz jirrizulta illi gew ipprezentati tlett affidavits kwazi identici ghal xulxin u cioe' dak tal-imputat, iehor ta' Charles Farrugia u l-iehor ta' Jeffrey Farrugia li f'certi partijiet minnhom huma kwazi identici. Dina l-Qorti hija tal-fehma illi affidavit qatt ma jista' jissostitwixxi x-xhieda li tinghata minn xhud *viva voce* quddiem il-Qorti, fejn il-Qorti ikollha l-opportunita tara' u tisma' lix-xhud jixhed kif ukoll ikollha l-opportunita' tezamina l-komportament ta' xhud fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghaldaqstant minn dawn ir-risultanzi processwali, l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat ma jirrizultawx ippruvati u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------